

Brussell, 15 ta' Novembru 2024
(OR. en)

15564/24

SOC 831
EMPL 568
EDUC 418
ECOFIN 1287

NOTA

minn:	Il-Kumitat tal-Impjiegi
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Rieżami mill-EMCO tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar il-kontijiet individwali tal-apprendiment: Messaġġi ewlenin - <i>Approvazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż ir-rieżami mill-Grupp ta' Analiżi tal-Politika (PAG) tal-EMCO tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2022 dwar il-kontijiet individwali tal-apprendiment (ILA) li għandu jiġi approvat mill-Kunsill (EPSCO) fis-sessjoni tiegħu tat-2 u t-3 ta' Diċembru 2024.

Anness 1 – Konklużjonijiet speċifiċi għall-pajjiż jinstabu fl-ADD 1 tad-dokument 15564/24.

**Rieżami mill-PAG tal-EMCO tal-implimentazzjoni
tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2022 dwar il-kontijiet individwali tal-apprendiment
[ILA]**

Messaġġi Ewlenin għall-Kunsill

A. INTRODUZZJONI

Il-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) huwa inkarigat li jimmonitorja l-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kontijiet individwali tal-apprendiment (ILAs).

L-ewwel rieżami tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill sar fid-29 u t-30 ta' Ottubru 2024 fi Brussell u twettaq mill-Grupp ta' Analiżi tal-Politika tal-EMCO. Minbarra li ddiskuta l-punt sa fejn l-Istati Membri qiesu l-gwida tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, ir-rieżami tal-2024 ta l-opportunità lill-Istati Membri li ma jimplimentawx ILAs biex jikkontribwixxu għall-iskambji multilaterali. Ir-rieżami tal-2024 sħarreg il-progress li sar minn 14-il Stat Membru li ntgħażlu għal rieżami abbażi tal-iskema tal-ILA li għaddejja bħalissa jew li hija ppjanata b'mod konkret.

Qabel ir-rieżami, **is-27 Stati Membri kollha mlew kwestjonarju ta' awtovalutazzjoni bl-għan li jivvalutaw il-livell ta' implimentazzjoni tagħhom tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill billi jiffokaw fuq l-iżviluppi ewlenin u l-pjanijiet futuri biex jimplimentaw l-ILAs u biex jintlaħqu l-oġettivi tar-Rakkomandazzjoni, speċifikament 1) l-iżgurar tal-appoġġ għall-adulti kollha fl-età tax-xogħol biex jaċċessaw opportunitajiet ta' apprendiment/taħriġ u 2) iż-żieda fl-inċentivi u l-motivazzjoni tal-individwi biex ifittxu taħriġ.** L-għan ewlieni kien li tinġabar informazzjoni sabiex jiġu evalwati l-punti ta' tluq u l-livell ta' implimentazzjoni jew żvilupp tal-pjanijiet fl-Istati Membri fir-rigward tal-partijiet ewlenin tar-Rakkomandazzjoni dwar l-ILAs. Ir-rieżami kellu l-għan li jivvaluta l-livell ta' implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill mill-Istati Membri billi jiffoka fuq 5 aspetti ewlenin: **1) karatteristiċi tal-iskema tal-ILA stabbilita/prevista, (2) elementi tal-politika speċifiċi għall-ILA, (3) qafas ta' abilitazzjoni, (4) miżuri ta' appoġġ u (5) finanzjament.**

Il-Messaġġi Ewlenin attwali huma bbażati fuq ir-riżultati ta' dak ir-rieżami, bil-**konklużjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi pprovduti fl-anness.**

B. PROGRESS FL-IMPLIMENTAZZJONI

Bħalissa, diversi Stati Membri qed jiffaċċaw nuqqas kbir ta' ħaddiema u ħiliet, u għalhekk żieda fil-parteeipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment hija kruċjali. Fl-2022, fl-UE 39.5 % biss tal-adulti pparteipaw fl-apprendiment fit-12-il xahar preċedenti, li huwa 20.5 pp taħt il-mira ewlenija għall-2030 ta' 60 % tal-adulti li jipparteipaw fl-apprendiment kull sena. **Ir-Rakkomandazzjoni dwar l-ILAs għandha l-għan li twessa' l-aċċess u żżid il-motivazzjoni u l-inċentivi tal-adulti biex jibdew taħriġ** li huwa importanti wkoll fil-kuntest tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, kif ukoll fid-dawl tax-xejriet demografiċi attwali.

Ir-rieżami wera li l-**progress fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għadu fi stadju bikri u jvarja fost l-Istati Membri** minħabba li r-Rakkomandazzjoni ġiet adottata fl-2022, għalkemm huma viżibbli xi żviluppi komuni. **Madwar nofs l-Istati Membri għandhom l-ILAs jew għandhom pjanijiet konkreti biex jistabbilixxu skema tal-ILA. Żewġ Stati Membri addizzjonali qed jesploraw il-possibbiltà li jdaħħluha fis-seħħ fil-futur.** Il-bqija tal-Istati Membri bħalissa għandhom l-għan li jilħqu l-oġettivi tar-Rakkomandazzjoni permezz ta' miżuri oħra.

L-implimentazzjoni operazzjonali tad-dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni **bdiet jew ser tibda fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri billi l-ewwel tiġi ttestjata skema tal-ILA** bl-għan li tespandi fil-futur. Dispożizzjonijiet legali oħra fis-seħħ biex jintlaħqu l-oġettivi tar-Rakkomandazzjoni huma segmentati u maħsuba primarjament għal gruppi speċifiċi tal-popolazzjoni.

Fir-rigward ta' elementi tal-politika speċifiċi għall-ILA, **l-universalità (jiġifieri d-disponibbiltà għall-adulti kollha fl-età tax-xogħol) tista' tiġi osservata f'uħud mill-skemi tal-ILA**, b'għadd ta' Stati Membri qed jippjanawha fil-futur, filwaqt li **t-trasferibbiltà** (jiġifieri l-possibbiltà li jinżammu l-intitolamenti fil-kont indipendentement minn kwalunkwe bidla fl-impjieg jew fl-istatus fis-suq tax-xogħol) **u l-akkumulazzjoni** ta' intitolamenti għat-taħriġ tul ċertu perjodu ta' żmien jibqgħu skarsi fost l-iskemi mistħarrġa. Kemm għall-ILAs kif ukoll għal dispożizzjonijiet oħra ta' taħriġ, **qed tingħata attenzjoni partikolari lill-ħiliet diġitali u ekoloġiċi.**

B'mod ġenerali, il-komponenti tal-**qafas ta' abilitazzjoni** (jiġifieri l-gwida għall-karriera, il-validazzjoni tal-ħiliet, ir-reġistru nazzjonali tal-opportunitajiet ta' apprendiment, il-leave mħallas għal taħriġ, l-integrazzjoni tal-appoġġ għat-taħriġ f'portal diġitali nazzjonali uniku), mhumieks integrati bis-sħiħ. L-eċċezzjoni hija l-**portal diġitali nazzjonali uniku, li diġà huwa disponibbli jew ippjanat fl-Istati Membri kollha li għandhom jew li qed jippjanaw li jimplimentaw l-ILAs.**

Kważi l-Istati Membri kollha qed jużaw jew ser jużaw fondi jew strumenti tal-UE biex ifasslu, jittestjaw jew imexxu l-iskema tal-ILA. Madankollu, is-sostenibbiltà tal-finanzjament tal-iskema bħalissa mhijiex żgurata bis-sħiħ. Mil-lat pożittiv, il-**partijiet ikkonċernati** huma involuti b'mod estensiv, partikolarment, fit-tfassil tal-iskema tal-ILA.

1. Kontijiet individwali tal-apprendiment

Filwaqt li **b'kollox 14-il Stat Membru għandhom skema tal-ILA stabbilita jew għandhom pjanijiet konkreti għal waħda fil-futur**, tnejn minn daww jirrapportaw skemi nazzjonali tal-ILA li diġà huma stabbiliti, filwaqt li tnejn oħra jew bdew reċentement jew jinsabu fil-proċess li jittrasformaw skema eżistenti fi skema tal-ILA. Il-**maġġoranza qed jippjanaw jew bdew jittestjaw għall-ewwel darba l-iskema**, f'żewġ każijiet dan huwa għal tip speċifiku ta' ħiliet (diġitali) u f'każ wieħed f'settur partikolari (kostruzzjoni). Żewġ Stati Membri oħra qed jaħdmu fuq it-tfassil ta' skema nazzjonali tal-ILA filwaqt li jitqiesu pjanijiet jew għażliet konkreti. Barra minn hekk, hemm **skema reġjonali waħda** b'karatteristiċi simili għal skema tal-ILA.

Minbarra dan, **żewġ Stati Membri addizzjonali ma rrapportaw l-ebda pjan konkret iżda qed jesploraw il-fattibbiltà li tiġi stabbilita skema tal-ILA**.

2. Dispożizzjonijiet legali oħra għal finijiet ta' taħriġ

Fir-rigward tal-oqfsa legali, l-Istati Membri kollha rrapportaw dispożizzjonijiet legali eżistenti oħra għal finijiet ta' taħriġ. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, dan jikkonċerna ċertu drittijiet ta' attendenza għal programmi ta' apprendiment u opportunitajiet ta' taħriġ għal gruppi speċifiċi tal-popolazzjoni. F'dan il-kuntest, sitt Stati Membri rrapportaw li joffru opportunitajiet ta' taħriġ fil-forma ta' vawċers fil-livell nazzjonali jew reġjonali. Aktar skemi jinkludu kards ta' taħriġ, perkorsi ta' żvilupp, jew tipi oħra ta' għoti ta' taħriġ. Xi Stati Membri semmew li għandhom skemi ta' taħriġ reġjonali jew lokali.

L-opportunitajiet ta' taħriġ għandhom l-għan li jiżviluppaw **tipi speċifiċi ta' ħiliet** - ħiliet diġitali, ekoloġiċi, lingwistiċi, ħiliet bażiċi u l-aġġustament tal-offerta skont l-indikazzjoni ta' nuqqasijiet speċifiċi ta' ħiliet irrapportati mill-impjegaturi jew abbażi ta' data oħra.

L-appoġġ għat-taħriġ huwa prinċipalment **maħsub** għall-persuni qiegħda, il-persuni b'impjieg (taħt ċertu kundizzjonijiet), l-adulti kollha fl-età tax-xogħol jew dawk li jaħdmu għal rashom, kif ukoll lejn l-impjegaturi, filwaqt li, fi ftit Stati Membri wkoll, huwa speċifikament indirizzat lejn l-SMEs.

F'dan il-kuntest, ir-rwol tas-sħab soċjali u l-ftehimiet ta' negozjar kollettiv ġew indikati minn ftit Stati Membri.

Minbarra t-taħriġ innifsu, ta' spiss jiġu offruti servizzi oħra bħall-**validazzjoni** tal-għarfien u l-ħiliet professjonali u l-**konsulenza u l-gwida**. Ċertu **dritt għat-taħriġ jew għall-apprendiment** jissewma fil-kodiċi tax-xogħol, fil-ftehimiet kollettivi jew xi mkien ieħor fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, barra minn hekk xi forom ta' **leave mħallas għal taħriġ** huma rrapportati wkoll b'mod wiesa'. Benefiċċji tat-taxxa jew rifiżjonijiet għall-kostijiet assoċjati mat-taħriġ huma offruti taħt ċertu kundizzjonijiet f'żewġ Stati Membri. Xi wħud minnhom semmew ukoll il-promozzjoni tal-kultura tal-apprendiment tul il-ħajja u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali kontinwi (CVET).

It-taqsimiet 3-7 hawn taħt huma speċifiċi għall-iskemi tal-ILA eżistenti jew ippjanati u jirreferu għall-14-il Stat Membru rieżaminati.

3. Elementi tal-politika speċifiċi għall-ILA

Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, huma rrapportati l-universalità tal-ILA, jiġifieri d-disponibbiltà għall-adulti kollha fl-età tax-xogħol, u l-għoti ta' intitolamenti għat-taħriġ li jippermettu taħriġ sostanzjali. Is-sħab soċjali u l-partijiet ikkonċernati kienu diġà involuti f'xi wħud mill-Istati Membri fil-fażi tat-tfassil tal-iskema. Madankollu, mil-lat ta' trasferibbiltà u kundizzjonijiet għall-akkumulazzjoni, għad irid isir xi progress hekk kif diversi Stati Membri jirrapportaw li dawn mhumiex possibbli jew mhumiex ikkunsidrati.

S'issa, **l-ILA huwa jew ser ikun universali f'seba' Stati Membri**. L-iskemi tal-ILA li jifdal huma maħsuba għal sottogruppi speċifiċi ta' adulti, tal-inqas għal ċertu perjodu (eż. matul il-**fażi pilota**). Il-popolazzjonijiet fil-mira l-aktar komuni huma jew il-persuni b'impjieg jew dawk qiegħda, inkluż b'kundizzjonijiet ulterjuri bħas-settur, il-livell edukattiv miksub jew it-tul tal-qgħad, u persuni taħt ċertu introjtu.

Rigward l-**involvement tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha**, il-maġġoranza jirrapportaw li ħadmu fuq it-tfassil tal-ILA u l-abbozz tal-qafas legali f'kollaborazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali. Fi Stati Membri oħra, hija prevista kooperazzjoni attiva mar-rappreżentanti ta' sħab soċjali, trade unions u organizzazzjonijiet tal-impjegaturi differenti.

Mil-lat tal-**għoti ta' intitolamenti għat-taħriġ** għal kull ILA, l-Istati Membri joffru soluzzjonijiet differenti. Id-daqs tal-intitolament ivarja b'mod sinifikanti peress li f'xi Stati Membri l-allokazzjoni hija għal sena, filwaqt li f'oħrajn għal tliet jew ħames snin. Barra minn hekk, xi Stati Membri jispeċifikaw li l-ħlas kollu tal-kors jew parti minnu jista' jsir mill-individwu interessat fit-taħriġ.

Fir-rigward tal-għoti ta' **intitolamenti addizzjonali lill-individwi li għandhom l-aktar bżonn ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid**, bħalissa l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ma joffrux intitolamenti individwali addizzjonali għat-taħriġ fi ħdan l-iskema tal-ILA. Madankollu, gruppi vulnerabbli jistgħu jaċċessaw opportunitajiet ta' taħriġ permezz tas-Servizz Pubbliku tal-Impjieg (PES) billi jipparteċipaw f'miżuri tal-politika attiva tas-suq tax-xogħol. Fi ftit każijiet jiġu pprovduti intitolamenti addizzjonali u, fi ftit każijiet oħra, ġie previst li persuni li għandhom l-aktar bżonn ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ professjonali mill-ġdid jista' jkollhom drittijiet individwali addizzjonali għat-taħriġ fil-kont tagħhom fil-futur. Bħalissa, tliet Stati Membri mhumieq qed jikkunsidraw dan l-aspett.

It-**trasferibbiltà** tal-intitolamenti fi tranżizzjonijiet professjonali, jiġifieri meta jinbidlu l-impjegi jew l-istatus professjonali, diġà hija stabbilita f'xi Stati Membri filwaqt li hija ppjanata f'oħrajn. Fi ftit Stati Membri, is-sitwazzjoni rigward dan l-aspett għadha mhix ċara. F'żewġ każijiet biss, l-intitolamenti mhumex trasferibbli minħabba l-mod kif jiġu implimentati.

Meta titqies il-possibbiltà li jiġu **akkumulati u maħżuna** intitolamenti individwali għat-taħriġ, Stat Membru wieħed biss effettivament jippermetti dan u f'ieħor, l-akkumulazzjoni u l-ħżin huma possibbli parzjalment biss. Fi tliet Stati Membri, il-ħżin mhuwiex possibbli, iżda ż-żmien permiss għall-użu tal-intitolament huwa relattivament twil. F'sitt Stati Membri, l-akkumulazzjoni bħalissa mhijiex possibbli, iżda tibqa' kwistjoni miftuħa għal diskussjonijiet futuri. F'żewġ każijiet, l-akkumulazzjoni u l-ħżin ser jiġu ttestjati matul il-fażi pilota.

Il-maġġoranza tal-Istati Membri jenfasizzaw ir-**rilevanza tat-taħriġ** fir-rigward tas-suq tax-xogħol b'attenzjoni partikolari għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, filwaqt li oħrajn joffru għażliet usa' ta' taħriġ.

4. Qafas ta' abilitazzjoni

Filwaqt li hija osservata b'mod wiesa' d-disponibbiltà ta' **reġistru nazzjonali pubbliku tal-opportunitajiet ta' apprendiment eliġibbli għall-użu tal-intitolamenti tal-ILA, l-opportunitajiet ta' validazzjoni jidhru li mhumex integrati tajjeb mal-iskema tal-ILA mistħarrġa**. Il-komponenti l-oħra jinkludu gwida għall-karriera, portal diġitali nazzjonali uniku u leave mħallas għal taħriġ li huma stabbiliti f'livell medju, li juru possibbiltajiet għal titjib.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri joffru opportunitajiet ta' **gwida għall-karriera** għall-adulti kollha fl-età tax-xogħol, prinċipalment permezz ta' servizzi lokali tal-impjegi jew fil-qafas ta' proġetti oħra. Uħud minnhom jinkludu jew jippjanaw li jinkludu gwida għall-karriera fl-iskema tal-ILA, filwaqt li oħrajn qed jikkontemplaw din il-possibbiltà. Xi Stati Membri għadhom ma joffrux din l-opportunità.

Fir-rigward tal-**validazzjoni** tal-ħiliet, l-opportunitajiet ta' validazzjoni huma disponibbli b'mod wiesa' f'żewġ Stati Membri biss. Fl-Istati Membri l-oħra, il-validazzjoni tal-ħiliet hija disponibbli taħt ċertu kundizzjonijiet jew hija pjuttost limitata fl-ambitu. Madankollu, huwa ppjanat li fil-futur jiġi implimentati opportunitajiet ta' validazzjoni fi ftit Stati Membri, b'mod partikolari fi ħdan l-iskema tal-ILA.

Fir-rigward tar-**reġistru nazzjonali pubbliku tal-opportunitajiet ta' apprendiment** eliġibbli għall-użu tal-intitolamenti tal-ILA, dan diġà huwa disponibbli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. F'erba' Stati Membri, bħalissa ma hemm l-ebda reġistru nazzjonali pubbliku uniku, filwaqt li oħrajn għandhom pjanijiet li jstabbilixxu wieħed.

Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, ser tkun disponibbli jew parzjalment disponibbli l-integrazzjoni tal-appoġġ għat-taħriġ f'**portal diġitali nazzjonali uniku**. Huma stabbiliti pjanijiet għall-integrazzjoni futura, inkluż flimkien mal-iskema tal-ILA li jmiss jew assoċjata magħha.

Il-**leave mħallas għal taħriġ** jew dispożizzjonijiet ta' sostituzzjoni tal-introjtu matul it-taħriġ għall-adulti impjegati kollha huma disponibbli f'erba' Stati Membri. Fi tnejn minn dawn l-Istati Membri, l-impjegaturi huma involuti finanzjarjament fl-għoti ta' taħriġ jew titjib tal-ħiliet, li jista' jinkludi ż-żamma tar-remunerazzjoni tal-impjegati matul it-taħriġ. F'ħames Stati Membri, il-leave mħallas għal taħriġ jew id-dispożizzjonijiet ta' sostituzzjoni tal-introjtu huma disponibbli biss parzjalment. Xi Stati Membri joffru leave mhux imħallas għal taħriġ bħala għażla addizzjonali jew bħala l-unika għażla. F'żewġ Stati Membri, id-dritt għal taħriġ vokazzjonali bi ħlas jew saħansitra taħriġ vokazzjonali mhux imħallas bħalissa mhuwiex minqux fil-leġiżlazzjoni. F'dawn l-Istati Membri, għaddejjin diskussjonijiet dwar il-possibbiltà li jiġi stabbilit leave għal taħriġ, anke bħala parti mill-iskema tal-ILA.

5. Miżuri ta' appoġġ

Il-miżuri ta' appoġġ għandhom jakkumpanjaw l-iskema tal-ILA biex jiżguraw li din tiġi implimentata sal-ogħla potenzjal tagħha. Madwar nofs l-Istati Membri qed jimplimentaw jew jippjanaw b'mod regolari li jimplimentaw **kampanji ta' sensibilizzazzjoni jew attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni**. Xi Stati Membri għandhom mhumieq qed jimplimentaw l-attivitajiet ta' komunikazzjoni tagħhom jew bħalissa ma għandhomx pjanijiet speċifiċi għalihom, prinċipalment minħabba li jinsabu fil-fażi tat-tfassil tal-iskemi tagħhom. Żewġ Stati Membri biss jirrapportaw li għandhom attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' ħidma biex jintlaħqu n-nies żviluppati sew (livell medju sa għoli) li huma marbuta magħhom, li għandhom skemi diġà stabbiliti jew li qed jibnu fuq skemi eżistenti.

Għal skemi diġà stabbiliti, qed jintużaw avvenimenti fuq skala akbar bħal konferenzi u kanali oħra ta' disseminazzjoni, inkluż it-televiżjoni, l-istampa, ir-radju, in-networks soċjali, u/jew ir-reklami fuq it-trasport pubbliku. Lil hinn mill-pubbliku ġenerali, l-attivitajiet huma primarjament maħsuba għall-fornituri tat-taħriġ u l-impjegaturi, u l-promozzjoni jieħdu ħsiebha l-gvern, il-fornituri tat-taħriġ jew l-impjegaturi nfushom. Għall-bqija tal-Istati Membri, jiġu ppjanati kampanji u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni ladarba titnieda l-iskema, dawn jistgħu jinkludu, pereżempju, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u tipi oħra ta' avvenimenti, materjal ta' sensibilizzazzjoni u kampanji ta' reklamar fil-media tal-massa u fil-media soċjali.

Xejra simili tista' tiġi osservata b'**attivitajiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni**, fejn madwar nofs l-Istati Membri qed jimplimentaw b'mod regolari jew qed jippjanaw li jimplimentaw attivitajiet ta' monitoraġġ. Għal madwar ħames Stati Membri għadu kmieni wisq biex jiġu mmonitorjati jew saħansitra jiffasslu proċessi ta' monitoraġġ. Minoranza biss għandha fis-seħħ sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni stabbilita sew li tinkludi rapportar u evalwazzjonijiet regolari.

6. Finanzjament

B'mod ġenerali, is-sostenibbiltà tal-finanzjament tal-iskema tal-ILA mhijiex żgurata bis-sħiħ. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-finanzjament attwali jiddependi prinċipalment fuq il-fondi tal-UE u l-kofinanzjament nazzjonali. Kofinanzjament ibbażat fuq taħlita ta' sorsi pubbliċi u privati huwa inkorporat fl-iskema jew qed jiġi eżaminat f'xi Stati Membri filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-importanza tiegħu għall-futur.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ma għandhomx mudell ta' **finanzjament sostenibbli** stabbilit jew ippjanat u jipprevedu li jiżviluppawh matul il-fażi tat-tfassil jew wara l-valutazzjoni tar-risultati pilota. Biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà, xi Stati Membri diġà qed jikkunsidraw ċertu għażliet, bħall-assenjazzjoni ta' ċertu **sehem ta' introjtu mis-sigurtà soċjali** biex jiffinanzja l-iskema, **fondi settorjali, self għat-taħriġ**, finanzjament pubbliku u/jew **kofinanzjament pubbliku u privat**. Għas-supplimenti, qed jiġi kkunsidrat il-**kofinanzjament** min-naħa tal-impjegatur u/jew tal-individwu.

Is-sostenibbiltà tal-qafas ta' abilitazzjoni hija fil-biċċa l-kbira relatata maż-żamma tal-**portal diġitali nazzjonali uniku** li qed issir internament.

Kważi l-Istati Membri kollha qed jużaw jew ser jużaw **fondi jew strumenti tal-UE** biex ifasslu, jittestjaw jew imexxu l-iskema tal-ILA. Il-fondi tal-UE jintużaw primarjament biex jiffinanzjaw il-fażi pilota tal-iskema, il-forniment ta' taħriġ, l-iżvilupp tal-portal, jew biex jassistu fit-tfassil tal-iskema. Xi Stati Membri jafferaw li qed jippjanaw li jkomplu jużaw il-fondi tal-UE, jekk ikunu disponibbli fil-futur.

7. Ħidma effettiva biex jintlaħqu n-nies

Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, ma kienx possibbli li tiġi ddeterminata r-rata ta' kopertura jew ir-rata ta' użu tal-ILAs minħabba l-bidu reċenti jew l-istadju tal-ippjanar tal-implimentazzjoni tal-iskema tal-ILA. Madankollu, abbażi tal-indikazzjoni ta' xi Stati Membri, il-perċentwal tal-popolazzjoni adulta fl-età tax-xogħol b'aċċess għal opportunitajiet ta' apprendiment/taħriġ ivarja b'mod sinifikanti u jirrifletti wkoll il-limitazzjonijiet tad-disponibbiltà tal-fondi allokatu għall-ittestjar tal-ILA.

C. KONKLUŻJONIJIET

Ir-rieżami tas-sorveljanza multilaterali dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kontijiet individwali tal-apprendiment, bl-involviment ukoll tal-Istati Membri li bħalissa ma jimplimentawx l-iskemi tal-ILA, wera li **l-ILA jirrappreżenta mhux biss għodda ġdida ta' finanzjament iżda pjuttost mekkaniżmu biex tiġi rieżaminata u riformata b'mod kritiku s-sistema tal-apprendiment għall-adulti**. B'mod ġenerali, hemm impenn qawwi biex tiġi implimentata l-iskema tal-ILA fost l-14-il Stat Membru rieżaminat. L-Istati Membri li qed jimplimentaw **urew fehim wiesa' tal-ILA, l-elementi tagħhom u l-għarfien tal-oqsma li għandhom jaħdmu fuqhom fit-tul**. Barra minn hekk, ir-rieżami rawwem spirtu ta' taġlim pożittiv fosthom. Hemm diversi aspetti komuni pożittivi bħall-**involviment iddikjarat tas-sħab soċjali fl-iżvilupp tal-iskemi tal-ILA**. B'mod ġenerali, ir-rieżami wera li implimentazzjoni b'suċċess u **aktar progress jirrikjedu mhux biss l-involviment attiv tal-Istati Membri iżda wkoll bidla fil-mentalità fl-attitudni tar-riċevituri u tal-partijiet ikkonċernati fil-livell ċentrali u lokali** biex ir-Rakkomandazzjoni dwar l-ILA tkun tista' taġixxi bħala aċċelleratur qawwi tar-riformi fil-qasam tal-apprendiment għall-adulti f'ħafna mill-Istati Membri.

Anness 1. Konklużjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi fir-rigward tal-ILA mill-PAG tal-EMCO 2024